

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 45



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

16 ta' Frar 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 131/2013 tal-15 ta' Frar 2013 li jistabbilixxi miżuri eċċezzjonali fir-rigward tar-rilaxx ta' zokkor u iżoglukożju 'l fuq mill-kwota fis-suq tal-Unjoni b'imposta mnaqqa fuq l-ammont żejjed matul is-sena tas-suq 2012/2013 ..** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 132/2013 tal-15 ta' Frar 2013 li jemenda għall-187 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida** 6
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 133/2013 tal-15 ta' Frar 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 8
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 134/2013 tal-15 ta' Frar 2013 li jistabbilixxi d-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Frar 2013 10

DEĊIŻJONIJET

2013/84/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2013 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali għall-ikkonzar tal-ġlud (notifikata bid-dokument numru C(2013) 618) (1)** 13

Prezz: EUR 3

(Ikompri fil-paġna li jmiss)

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2013/85/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2013 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (notifikata bid-dokument numru C(2013) 670) ⁽¹⁾** 30



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 131/2013

tal-15 ta' Frar 2013

li jistabbilixxi miżuri eċċezzjonali fir-rigward tar-rilaxx ta' zokkor u iżoglukożju '1 fuq mill-kwota fis-suq tal-Unjoni b'imposta mnaqqsa fuq l-ammont żejjed matul is-sena tas-suq 2012/2013

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 64(2) u l-Artikolu 186 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Matul is-sena tas-suq taz-zokkor tal-2011/2012, il-prezz medju mill-fabbrika taz-zokkor abjad bl-ingrossa tal-Unjoni laħaq livell ta' 175 % tal-prezz ta' referenza ta' EUR 404/tunnellata u kien ta' madwar EUR 275/tunnellata ogħla mill-prezz tas-suq dinji. Il-prezz tal-Unjoni issa huwa stabbli flivell ta' madwar EUR 700/tunnellata, li huwa l-ogħla livell milħuq minn mindu saret ir-riforma tal-organizzazzjoni tas-suq taz-zokkor u jfikkil il-fluwidità ottimali tal-provvista taz-zokkor fis-suq tal-Unjoni. Iż-żieda mistennija ta' dan il-livell tal-prezz diġà għoli matul is-sena tas-suq 2012/2013 tissostanzja r-riskju ta' tfixkil serju fis-suq li għandu jitwaqqaf permezz tal-miżuri meħtieġa.

(2) Abbażi tal-istima tal-provvista u d-domanda għall-2012/2013, l-istokkijiet aħħarin għas-suq taz-zokkor mistennija jkunu aktar baxxi b'tal-anqas 0,5 miljun tunnellata meta mqabbla mal-2011/2012. Din iċ-ċifra diġà tqis l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn ċerti ftehimiet preferenzjali.

(3) Min-naħa l-oħra, l-aspettattivi ta' hśad tajjeb iwasslu biex il-produzzjoni tiġi stmata għal madwar 5 400 000

tunnellata żejda tal-kwota taz-zokkor stabbilita fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Filwaqt li jitqiesu l-impenji kuntrattwali prevedibbli tal-produtturi taz-zokkor fir-rigward ta' ċerti użi industrijali previsti fl-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament u l-impenji tal-esportazzjoni għall-2012/2013 għaz-zokkor barra mill-kwota, xorta waħda jibqgħu disponibbli kwantitajiet sostanzjali taz-zokkor barra mill-kwota ta' mill-inqas 2 000 000 tunnellata. Parti minn dan iz-zokkor tista' ssir disponibbli sabiex ittaffi l-provvista ristretta tas-suq tal-ikel taz-zokkor tal-Unjoni u biex jiġu evitati żidiet eċċessivi fil-prezzijiet.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-fluwidità tas-suq, jeħtieġ li jiġi rilaxxat iz-zokkor barra mill-kwota. Għandu jkun possibbli li tittieħed tali miżura kull darba li jkun meħtieġ matul is-sena tas-suq 2012/2013.

(5) Skont l-Artikoli 186 u 188 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistgħu jittieħdu miżuri, meta meħtieġ, biex jirrimedjaw it-tfixkil fis-suq jew ir-riskju ta' tfixkil, fejn, b'mod partikolari, dawn jirriżultaw minn żieda sinifikanti tal-prezzijiet fl-Unjoni, sakemm dan l-għan ma jistax jintlaħaq permezz ta' miżuri oħra disponibbli skont dak ir-Regolament. Minħabba ċ-ċirkustanzi attwali tas-suq, ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma jipprevedix miżuri speċifiċi mmirati biex jillimitaw ix-xejra għolja fil-prezz taz-zokkor u li jippermettu l-provvista taz-zokkor bi prezzijiet raġonevoli fis-suq tal-Unjoni, għajr daww imsejsa fuq l-Artikolu 186 ta' dak ir-Regolament.

(6) L-Artikolu 64(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jawtorizza lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-impota fuq l-ammont żejjed fuq iz-zokkor u l-iżoglukożju li l-produzzjoni tagħhom taqbeż il-kwota flivell għoli biżżejjed sabiex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' kwantitajiet żejda. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 rigward produzzjoni taz-zokkor li taqbeż il-kwota ⁽²⁾, stabbilixxa dik l-impota għal EUR 500 kull tunnellata.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 176, 30.6.2006, p. 22.

- (7) Għal kwantità limitata ta' zokkor prodotta 'l fuq mill-kwota, għandha tiġi stabbilita imposta mnaqqa fuq l-ammont żejjed flivell għal kull tunnellata li tippermetti trattament ġust tal-produtturi taz-zokkor fl-Unjoni, tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq taz-zokkor tal-Unjoni u tgħin biex titnaqqas id-differenza bejn il-prezzijiet taz-zokkor fis-suq dinji u fl-Unjoni mingħajr ma toħloq riskji ta' akkumulazzjoni ta' ammonti żejda fis-suq tal-Unjoni.
- (8) Billi r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jiffissa kwoti kemm għaz-zokkor kif ukoll għall-iżoglukożju, għandha tapplika miżura simili għal kwantità xierqa ta' iżoglukożju prodott 'il fuq mill-kwota, billi dan il-prodott tal-aħħar, sa ċertu punt, huwa sostitut kummerċjali għaz-zokkor.
- (9) Bl-għan li tiżdied il-provvista, il-produtturi taz-zokkor u tal-iżoglukożju għandhom japplikaw għal ċertifikati, mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jippermettullhom li jbiegħu ċerti kwantitajiet, prodotti 'l fuq mil-limitu tal-kwota, fis-suq tal-Unjoni b'imposta mnaqqa fuq l-ammont żejjed.
- (10) L-imposta mnaqqa fuq l-ammont żejjed għandha titħallas wara li tiġi aċċettata l-applikazzjoni u qabel ma jinħareġ iċ-ċertifikat.
- (11) Il-validità taċ-ċertifikati għandha tkun ta' żmien limitat sabiex tinkoraġġixxi titjib malajr tas-sitwazzjoni tal-provvista.
- (12) L-iffissar tal-limiti massimi tal-kwantitajiet li għalihom jista' japplika kull produttur f'perjodu wieħed ta' applikazzjoni u r-restrizzjoni taċ-ċertifikati għal prodotti tal-produzzjoni tal-applikant stess għandhom jimpedixxu azzjonijiet spekulattivi fis-sistema maħluqa minn dan ir-Regolament.
- (13) Bl-applikazzjoni tagħhom, il-produtturi taz-zokkor għandhom jimpenjaw ruħhom li jħallsu l-prezz minimu għall-pitravi taz-zokkor użati fil-produzzjoni tal-kwantità taz-zokkor li jkunu applikaw għaliha. Għandhom jiġu speċifikati r-rekwiżiti minimi tal-eliġibbiltà għall-applikazzjonijiet.
- (14) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjonijiet li jkunu rċevew. Sabiex daww in-notifiki jiġu ssimplifikati u standardizzati, xi mudelli għandhom isiru disponibbli.
- (15) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li iċ-ċertifikati jingħataw biss fil-limiti kwantitattivi stipulati f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni, għalhekk, jekk ikun meħtieġ, għandha tkun tista' tistabbilixxi koeffiċjent tal-allokkazzjoni applikabbli għall-applikazzjonijiet irċevuti.
- (16) L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-applikanti jekk il-kwantità li applikaw għaliha kinitx approvata parzjalment jew kompletament.
- (17) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet li għalihom inħarġu ċertifikati b'imposta mnaqqa fuq l-ammont żejjed. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tqiegħed mudelli għad-dispożizzjoni.
- (18) Kwantitajiet ta' zokkor rilaxxati fis-suq tal-Unjoni ta' kwantitajiet żejda taċ-ċertifikati maħruġa skont dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-imposta fuq l-ammont żejjed stipulata fl-Artikolu 64(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Huwa għalhekk xieraq li jiġi previst li kwalunkwe applikant li ma jwettaqx l-impenji tiegħu li jirrilaxxa fis-suq tal-Unjoni l-kwantità koperta minn ċertifikat li jingħatalu, għandu jħallas ukoll ammont ta' EUR 500 kull tunnellata. Dan l-approċċ konsistenti huwa mmirat biex jevita l-abbuż tal-mekkaniżmu introdott b'dan ir-Regolament.
- (19) Sabiex jiġu stabbiliti prezzijiet medji għaz-zokkor tal-kwota u 'l fuq mill-kwota fis-suq tal-Unjoni skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 952/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jipprovdi regoli dettaljati għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-ġestjoni tas-suq intern taz-zokkor u l-iskema tal-kwoti⁽¹⁾, iz-zokkor kopert b'ċertifikat maħruġ skont dan ir-Regolament għandu jitqies bħala zokkor tal-kwota.
- (20) Skont l-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej⁽²⁾, il-kontribuzzjonijiet u dazji oħra previsti fil-qafas tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor għandhom jikkostitwixxu riżorsi proprji. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi stabbilita d-data tal-istipular tal-ammonti inkwistjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċizzjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej⁽³⁾.
- (21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tnaqqis temporanju tal-imposta fuq l-ammont żejjed

1. B'deroga mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 967/2006, l-ammont tal-imposta fuq l-ammont żejjed għal kwantità massima ta' 150 000 tunnellata ta' zokkor espressa f'zokkor abjad ekwivalenti, u ta' 8 000 tunnellata ta' iżoglukożju f'materja xotta, prodotti 'l fuq mill-kwota stipulata fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u rilaxxati fis-suq tal-Unjoni matul is-sena tas-suq 2012/2013, għandu jiġi stipulat għal EUR 224 kull tunnellata.

2. L-imposta mnaqqa fuq l-ammont żejjed prevista fil-paragrafu 1 għandha titħallas wara li tiġi aċċettata l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2, u qabel ma jinħareġ iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6.

⁽¹⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 39.

⁽²⁾ ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

⁽³⁾ ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1.

Artikolu 2

Applikazzjoni għal ċertifikati

1. Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 1, il-produtturi taz-zokkor u l-iżoglukożju għandhom japplikaw għal ċertifikat.

2. L-applikanti jistgħu jkunu biss impriżi li jipproduċu l-pitravi taz-zokkor u z-zokkor tal-kannamieli jew l-iżoglukożju, li huma approvati skont l-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u li ngħatatilhom allokazzjoni ta' kwota tal-produzzjoni għas-sena tas-suq 2012/2013, skont l-Artikolu 56 ta' dak ir-Regolament.

3. Kull applikant jista' jippreżenta sa mhux aktar minn applikazzjoni waħda għaz-zokkor u waħda għall-iżoglukożju għal kull perjodu ta' applikazzjoni.

4. L-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati għandhom jintbagħtu permezz ta' faks jew posta elettronika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih kienet approvata l-impriża. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-applikazzjonijiet elettroniċi jkunu akkumpanjati b'firma elettronika avvanzata skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1999/93/KE⁽¹⁾.

5. Sabiex ikunu validi, l-applikazzjonijiet għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikazzjonijiet għandhom jindikaw:

(i) l-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-applikant; kif ukoll

(ii) il-kwantitajiet li għalihom qed issir l-applikazzjoni, espressi ftunnellati ta' zokkor abjad ekwivalenti u ftunnellati ta' iżoglukożju f'materja xotta, imqarrbin mingħajr punti deċimali;

(b) il-kwantitajiet li għalihom qed issir l-applikazzjoni f'dan il-perjodu ta' applikazzjoni, espressi ftunnellati ta' zokkor abjad ekwivalenti u ftunnellati ta' iżoglukożju f'materja xotta, ma għandhomx jaqbu l-50 000 tunnellata fil-każ taz-zokkor u l-2 500 tunnellata fil-każ tal-iżoglukożju;

(c) jekk l-applikazzjoni tirrigwarda z-zokkor, l-applikant għandu jimpenja ruħu li jħallas il-prezz minimu tal-pitravi, stipulat fl-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għall-kwantità ta' zokkor koperta minn ċertifikati maħruġa skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament;

(d) l-applikazzjoni għandha tinkiteb bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn l-applikazzjoni tkun ippreżentata;

(e) l-applikazzjoni għandha tindika referenza għal dan ir-Regolament u d-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet;

(f) l-applikant ma għandu jintroduċi l-ebda kundizzjonijiet addizzjonali ma' dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

6. Applikazzjoni li ma tiġix ippreżentata skont il-paragrafi minn 1 sa 5 ma għandhiex tkun ammissibbli.

7. Applikazzjoni ma tistax tiġi rtirata jew emendata wara li tintbagħat, anke jekk il-kwantità li ssir l-applikazzjoni għaliha tingħata biss parzjalment.

Artikolu 3

Preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet

Il-perjodu li matulu l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati għandu jintemm fis-26 ta' Frar 2013 f'nofsinhar, ħin ta' Brussell.

Artikolu 4

Trażmissjoni ta' applikazzjonijiet mill-Istati Membri

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar l-ammissibilità tal-applikazzjonijiet fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li applikazzjoni mhijiex ammissibbli, għandhom jinformat lill-applikant mingħajr dewmien.

2. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-ġurnata tal-Ġimgħa dwar l-applikazzjonijiet ammissibbli ppreżentati matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' qabel, permezz ta' faks jew posta elettronika. Dik in-notifika ma għandhiex tinkludi d-dejta msemmija fl-Artikolu 2(5)(a)(i). L-Istati Membri li ma kellhom ebda applikazzjoni iżda li għandhom kwoti taz-zokkor jew tal-iżoglukożju allokati lilhom għas-sena tas-suq 2012/2013, għandhom jibagħtu wkoll in-notifiki tagħhom ta' ebda applikazzjoni lill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien.

3. Il-forma u l-kontenut tan-notifiki għandhom ikunu definiti fuq il-bażi tal-mudelli li l-Kummissjoni għamlet disponibbli lill-Istati Membri.

Artikolu 5

Limiti maqbuża

Meta l-informazzjoni nnotifikata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(2) tindika li l-kwantitajiet li saret applikazzjoni għalihom jaqbu l-limiti stipulati fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi koeffiċjent ta' allokazzjoni, li l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-kwantitajiet koperti minn kull applikazzjoni għal ċertifikat innotifikata;

(b) tirrifjuta applikazzjonijiet li jkunu għadhom ma ġewx innotifikati.

Artikolu 6

Ħruġ ta' ċertifikati

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, fl-għaxar jum ta' xogħol ta' wara ġimgħa li fiha jkun intemm il-perjodu ta' applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikati għall-applikazzjonijiet innotifikati lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 4(2).

2. Kull nhar ta' Tnejn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' zokkor u/jew iżoglukożju li għalihom ikunu nħarġu ċertifikati matul il-ġimgħa ta' qabel.

⁽¹⁾ ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

3. Mudell taċ-ċertifikat jinsab fl-Anness.

Artikolu 7

Validità taċ-ċertifikati

Iċ-ċertifikati għandhom ikunu validi sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-ħruġ.

Artikolu 8

Trasferibbiltà taċ-ċertifikati

La d-drittijiet u lanqas l-obbligi li jirriżultaw miċ-ċertifikati ma jistgħu jiġu trasferiti.

Artikolu 9

Rappurtar tal-prezzijiet

Għall-fini tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006, il-kwantità ta' zokkor mibjugħa koperta b'ċertifikat maħruġ skont dan ir-Regolament għandha titqies bħala zokkor tal-kwota.

Artikolu 10

Monitoraġġ

1. L-applikanti għandhom iżidu l-kwantitajiet li għalihom ingħataw ċertifikati skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament man-notifiki tagħhom ta' kull xahar previsti fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006.

2. Qabel il-31 ta' Ottubru 2013, kull detentur ta' ċertifikat skont dan ir-Regolament għandu jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri prova li l-kwantitajiet kollha koperti biċ-ċertifikati tiegħu ġew rilaxxati fis-suq tal-Unjoni. Kull tunnellata koperta b'ċertifikat iżda li ma ġietx rilaxxata fis-suq tal-Unjoni għal raġunijiet oħra minbarra forza maġġuri, għandha tkun soġġetta għall-ħlas ta' ammont ta' EUR 276 kull tunnellata.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2013.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet li ma ġewx irrilaxxati fis-suq tal-Unjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-differenza bejn il-kwantità totali ta' zokkor u iżoglukożju prodotta minn kull produttur 'il fuq mill-kwota, u bil-kwantitajiet li l-produtturi ddisponew minnhom skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 967/2006. Jekk il-kwantitajiet ta' zokkor u ta' iżoglukożju 'l fuq mill-kwota ta' produttur li jifdal ikunu inqas mill-kwantitajiet maħruġa għal dak il-produttur skont dan ir-Regolament, il-produttur għandu jħallas ammont ta' EUR 500 għal kull tunnellata ta' dik id-differenza.

5. In-notifiki previsti fil-paragrafi 3 u 4 għandhom isiru sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014.

Artikolu 11

Data ta' stabbiliment

Għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, id-data tal-istabbiliment tal-intitolament tal-Unjoni għandha tkun id-data li fiha titħallas l-imposta fuq l-ammont żejjed mill-applikanti skont l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Mudell ta' ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6(3)

ĊERTIFIKAT

għat-tnaqqis, għas-sena tas-suq 2012/2013, tal-imposta prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 967/2006

Stat Membru:

Detentur tal-kwota:

Prodott:

Kwantitajiet li għalihom saret l-applikazzjoni:

Kwantitajiet li għalihom inħareġ iċ-ċertifikat:

Imposta mħallsa (EUR/t)

224

Għas-sena tas-suq 2012/2013, l-imposta msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 967/2006 ma għandhiex tapplika għall-kwantitajiet maħruġa b'dan iċ-ċertifikat, soġġett għall-ħarsien tar-regoli stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 131/2013, b'mod partikolari fl-Artikolu 2(5)(c)

Firma tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru

Data tal-ħruġ

Dan iċ-ċertifikati għandu jkun validu sa tmiem it-tieni xahar wara d-data tal-ħruġ.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 132/2013
tal-15 ta' Frar 2013**

**li jemenda għall-187 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri
speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fil-11 ta' Frar 2013, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi persuna fiżika waħda mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi

u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi, wara li kkunsidra t-talba li għamlet din il-persuna biex titneħħa minn fuq il-lista u r-Rapport Komprensiv tal-Ombudsperson li ġie stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni Nru 1904(2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2013.

*Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,*

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 18 Volum 01 p. 294)

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

Titħassar l-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "Persuni naturali":

'Suliman Hamd Suleiman **Al-Buthe** (*alias* (a) Soliman H.S. Al Buthi, (b) Sulayman Hamad Sulayman Al Batha). Indirizz: Riyadh, l-Arabja Sawdija. Data tat-twelid: 8.12.1961. Post tat-twelid: il-Kajr, l-Eġittu. Nazzjonalità: Sawdija. Numru tal-passaport: (a) B049614 (l-Arabja Sawdija), (b) C 536660 (passaport tal-Arabja Sawdija maħruġ fil-5.5.2001, skada fil-11.5.2006). Informazzjoni oħra: Direttur tad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali tal-Muniċipalità ta' Riyadh, l-Arabja Sawdija (sa minn Frar 2010). Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 23.6.2004.'

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 133/2013**tal-15 ta' Frar 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(2) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	78,2
	MA	53,2
	TN	57,5
	TR	102,0
	ZZ	72,7
0707 00 05	EG	158,2
	MA	176,1
	TR	174,5
	ZZ	169,6
0709 91 00	EG	91,5
	ZZ	91,5
0709 93 10	MA	50,8
	TR	133,6
	ZZ	92,2
0805 10 20	EG	52,2
	IL	71,3
	MA	59,9
	TN	51,5
	TR	60,1
	ZZ	59,0
0805 20 10	IL	182,8
	MA	98,8
	ZZ	140,8
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	120,1
	KR	135,8
	MA	121,4
	TR	76,5
	ZA	148,7
	ZZ	120,5
0805 50 10	EG	83,9
	MA	60,5
	TR	70,4
	ZZ	71,6
0808 10 80	CN	87,7
	MK	34,9
	US	176,5
	ZZ	99,7
0808 30 90	AR	144,3
	CL	181,3
	CN	36,6
	TR	177,8
	US	173,1
	ZA	114,7
	ZZ	138,0

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 134/2013**tal-15 ta' Frar 2013****li jistabbilixxi d-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Frar 2013**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS")⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 19 00, 1001 11 00, ex 1001 91 20 (qamħ komuni, għaż-żriġh), ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żriġh), 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju għall-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-konsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.
- (2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju għall-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu

msemmi, għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi regolari l-prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni CIF għall-prodotti kkonċernati.

- (3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 19 00, 1001 11 00, ex 1001 91 20 (qamħ komuni, għaż-żriġh), ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żriġh), 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju għall-importazzjoni huwa kkalkulat fuq il-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF ta' kull jum iddeterminat skont il-metodu speċifikat fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji għall-importazzjoni għall-perjodu li jibda mis-16 ta' Frar 2013, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji għall-importazzjoni ġodda.
- (5) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika malajr kemm jista' jkun wara li tkun disponibbli d-dejta aġġornata, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mis-16 ta' Frar 2013, id-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament abbażi tal-informazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5.

ANNEX I

Dazji għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-16 ta' Frar 2013

Kodiċi NM	Isem tal-merkanzija	Dazju għall-importazzjoni ⁽¹⁾ (EUR/t)
1001 19 00 1001 11 00	QAMĦ durum ta' kwalità għolja	0,00
	ta' kwalità medja	0,00
	ta' kwalità baxxa	0,00
ex 1001 91 20	QAMĦ komuni, għaż-żriġh	0,00
ex 1001 99 00	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, għajr dak għaż-żriġh	0,00
1002 10 00 1002 90 00	SEGALA	0,00
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żriġh, għajr l-ibridi	0,00
1005 90 00	QAMĦIRRUM, għajr dak għaż-żriġh ⁽²⁾	0,00
1007 10 90 1007 90 00	SORGU tal-qamħ, għajr ibridi għaż-żriġh	0,00

⁽¹⁾ L-importatur jista' jibbenefika, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, minn tnaqqis fid-dazji ta':

- 3 EUR/t, jekk il-port tal-ħatt ikun fil-Baħar Mediterran (l-hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed, jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċeani Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,
- 2 EUR/t, jekk il-port tal-ħatt jinsab fid-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja, fl-Isvezja, fir-Renju Unit jew fuq il-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika, jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku.

⁽²⁾ L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jiġu rrispettati.

ANNEX II

Informazzjoni għall-kalkolu tad-dazji stipulati fl-Anness I

1.2.2013-14.2.2013

(1) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

(EUR/t)

	Qamħ komuni ⁽¹⁾	Qamħirrum	Qamħ durum kwalità għolja	Qamħ durum, ta' kwalità medja ⁽²⁾	Qamħ durum ta' kwalità baxxa ⁽³⁾
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—
Kwotazzjoni	241,45	208,21	—	—	—
Prezz FOB l-Istati Uniti tal-Amerika	—	—	295,74	285,74	265,74
Primjum tal-Golf	78,15	17,92	—	—	—
Primjum tal-Għadajjar il-Kbar	—	—	—	—	—

⁽¹⁾ Primjum pożittiva ta' EUR 14/t inkorporat (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).⁽²⁾ Skont ta' EUR 10/t (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).⁽³⁾ Skont ta' EUR 30/t (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

(2) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku — Rotterdam: 14,32 EUR/t

Spejjeż għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar — Rotterdam: — EUR/t

DEĊIŻJONIJET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Frar 2013

li tistabilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali għall-ikkonzar tal-ġlud

(notifikata bid-dokument numru C(2013) 618)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/84/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/75/UE jeżiġi li l-Kummissjoni torganizza skambju ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali bejnha u l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni ambjentali sabiex jiġi ffaċilitat it-tfassil tad-dokumenti ta' referenza tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) kif iddefinit fl-Artikolu 3(11) ta' dik id-Direttiva.

(2) Skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2010/75/UE, l-iskambju tal-informazzjoni għandu jindirizza l-prestazzjoni tal-installazzjonijiet u t-tekniki f'termini ta' emissjonijiet, espressi bħala medja fuq perjodi ta' żmien qosra u twal, fejn xieraq, u l-kundizzjonijiet ta' referenza assoċjati, il-konsum u n-natura tal-materja prima, il-konsum tal-ilma, l-użu tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-iskart u t-tekniki użati, il-monitoraġġ assoċjat, l-effetti transmedjatiċi, il-vijabbiltà ekonomika u teknika u l-iżviluppi tagħhom u l-aqwa tekniki disponibbli u t-tekniki emerġenti identifikati wara li jitqiesu l-kwistjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 13(2) ta' dik id-Direttiva.

(3) "Il-konklużjonijiet tal-BAT" kif iddefiniti fl-Artikolu 3(12) tad-Direttiva 2010/75/UE huma l-element ewlieni tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT u jstipulaw il-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli, id-deskrizzjoni

tagħhom, l-informazzjoni biex tiġi vvalutata l-applikabbiltà tagħhom, il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli, il-monitoraġġ assoċjat, il-livelli ta' konsum assoċjati u, fejn xieraq, il-miżuri rilevanti ta' rimedju tas-sit.

(4) Skont l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2010/75/UE, il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom ikunu r-referenza biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tal-permessi għall-installazzjonijiet koperti bil-Kapitolu II ta' dik id-Direttiva.

(5) L-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2010/75/UE jeżiġi li l-awtorità kompetenti għandha tiffissa valuri ta' limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, taħt kundizzjonijiet ta' operat normali, l-emissjonijiet ma jaqbx il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli kif stipulat fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE.

(6) L-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2010/75/UE jipprovdi għal derogi mir-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 15(3) biss meta l-ispejjeż assoċjati mal-kisba tal-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ogħla b'mod sproporzjonat mill-benefiċċji ambjentali minħabba l-post ġeografiku, il-kundizzjonijiet ambjentali lokali jew il-karatteristiki tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata.

(7) L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2010/75/UE jipprovdi li r-rekwiżiti tal-monitoraġġ fil-permess imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva għandhom ikunu bbażati fuq il-konklużjonijiet dwar il-monitoraġġ kif deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT.

(8) Skont l-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2010/75/UE, fi żmien erba' snin mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT, l-awtorità kompetenti għandha terġa' tikkunsidra u, jekk ikun meħtieġ, taġġorna l-kundizzjonijiet kollha tal-permessi u għandha tiżgura li l-installazzjoni tkun konformi ma' dawk il-kundizzjonijiet tal-permessi.

⁽¹⁾ ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2011 li tistabbilixxi forum għall-iskambju tal-informazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali ⁽¹⁾ stabbilixxiet forum magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industrijikkonċernati u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni ambjentali.
- (10) Skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni kisbet l-opinjoni ⁽²⁾ ta' dak il-forum dwar il-kontenut propost tad-dokument ta' referenza tal-BAT għall-ikkunzar tal-ġlud fit-13 ta' Settembru 2012 u għamlitu disponibbli pubblikament.
- (11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2010/75/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjonijiet tal-BAT għall-ikkunzar tal-ġlud huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU C 146, 17.5.2011, p. 3.

⁽²⁾ http://circa.europa.eu/Public/irc/env/ied/library?l=/ied_art_13_forum/opinions_article

ANNEX

KONKLUŻJONIJET TAL-BAT GĦALL-IKKONZAR TAL-ĠLUD

KAMP TA' APPLIKAZZJONI	16
DEFINIZZJONIJET	16
1.1. Konklużjonijiet ġenerali tal-BAT għall-ikkonzar tal-ġlud	17
1.1.1. Sistemi ta' mmaniġġjar ambjentali	17
1.1.2. Organizzazzjoni interna tajba	17
1.2. Monitoraġġ	18
1.3. Minimizzazzjoni tal-konsum tal-ilma	19
1.4. Tnaqqis ta' emissjonijiet fl-ilma mormi	20
1.4.1. Tnaqqis ta' emissjonijiet fl-ilma mormi mill-istadji tal-proċessi fit-taqsimha umda	20
1.4.2. Tnaqqis ta' emissjonijiet fl-ilma mormi mill-istadji tal-proċessi fit-taqsimha tal-ikkonzar	21
1.4.3. Tnaqqis ta' emissjonijiet fl-ilma mormi mill-istadji tal-proċessi ta' wara l-ikkonzar	22
1.4.4. Tnaqqis ieħor ta' emissjonijiet fl-ilma mormi	22
1.5. Trattament tal-emissjonijiet li jispiċċaw fl-ilma	23
1.6. Emissjonijiet fl-arja	25
1.6.1. Riħa	25
1.6.2. Komposti organiċi volatili	26
1.6.3. Materja partikulata	27
1.7. Immaniġġjar tal-iskart	27
1.8. Enerġija	29

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jirrigwardaw l-attivitajiet segwenti speċifikati fl-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE, jiġifieri:

- 6.3 *Ikkonzar tal-ġlud fejn il-kapaċità tat-trattament taqbeż 12-il tunnellata ta' prodotti lesti kuljum;*
- 6.11 *Trattament ta' ilma mormi li jiġihaddem b'mod indipendenti mhux kopert bid-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE ⁽¹⁾ u mormi minn installazzjoni li twettaq attivitajiet koperti bil-punt 6.3 hawn fuq.*

Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor il-konklużjonijiet tal-BAT ippreżentati jistgħu jiġu applikati lill-installazzjonijiet kollha soġġetti għal dawn il-konklużjonijiet tal-BAT.

Dokumenti ta' referenza oħra li huma rilevanti għall-attivitajiet koperti b'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT huma dawn li ġejjin:

Dokument ta' referenza	Suġġett
Effiċjenza Enerġetika (ENE)	Effiċjenza enerġetika ġenerali
Aspetti ekonomiċi u Effetti Transmedjatiċi (ECM)	Aspetti ekonomiċi u effetti transmedjatiċi tat-tekniki
Prinċipji Ġenerali ta' Monitoraġġ (MON)	Monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-konsum
Emissjonijiet mill-ħżin (EFS)	Emissjonijiet minn tankijiet, pajpijiet u sustanzi kimiċi maħżuna
Inċinerazzjoni tal-Iskart (WI)	Inċinerazzjoni tal-Iskart
Industriji tat-Trattament tal-Iskart (WT)	Trattament tal-Iskart

It-tekniki elenkati u deskritti f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT la huma preskrittivi u lanqas eżawrjenti. Jistgħu jintużaw tekniki oħra li jiżguraw tal-anqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni ambjentali.

DEFINIZZJONIJET

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Taqsuma umda/Taqsuma tat-trattament bl-alkali	Dik il-parti tal-konzerija fejn il-ġlud jiġu mgħaddsa fl-ilma, trattati bl-alkali, imnaddfa mil-laħam, u jitneħħilhom ix-xagħar, meta jkun meħtieġ, qabel il-proċess tal-ikkonzar.
Prodott sekondarju	Oġġett jew sustanza li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ .
Impjant eżistenti	Impjant li mhuwiex impjant ġdid.
Reċipjent eżistenti tal-ipproċessar	Reċipjent tal-ipproċessar li mhuwiex reċipjent ġdid tal-ipproċessar.
Impjant ġdid	Impjant imħaddem għall-ewwel darba fl-installazzjoni wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jew sostituzzjoni totali ta' impjant fuq is-sisien eżistenti tal-installazzjoni wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT.
Reċipjent ġdid tal-ipproċessar	Reċipjent tal-ipproċessar imħaddem għall-ewwel darba fl-impjant wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jew bini totalment mill-ġdid ta' reċipjent tal-ipproċessar wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT.
Konzerija	Installazzjoni li twettaq l-attività "Ikkonzar tal-ġlud fejn il-kapaċità tat-trattament taqbeż 12-il tunnellata ta' prodotti lesti kuljum" (L-attività 6.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE).
Taqsuma tal-ikkonzar	Il-parti tal-konzerija fejn jitwettqu l-proċessi tal-ibbanjar bl-aċidu u l-melħ (pickling) u l-ikkonzar.
Impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi	Impjant soġġett għad-Direttiva 91/271/KEE

⁽¹⁾ ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

⁽¹⁾ ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

1.1. Konklużjonijiet ġenerali tal-BAT għall-ikkonzar tal-ġlud

1.1.1. Sistemi ta' mmaniġġjar ambjentali

1. Sabiex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali kumplessiva tal-konzerija, l-aqwa teknika disponibbli (BAT) tinvolvi l-implimentazzjoni ta' sistema ta' mmaniġġjar ambjentali (EMS) li tinkorpora l-karatteristiki kollha li ġejjin u l-adeżjoni ma' din is-sistema:

- i. l-impenn tal-maniġment, inkluż il-maniġment superjuri;
- ii. id-definizzjoni ta' politika ambjentali li tinkludi t-titjib kontinwu tal-installazzjoni mill-maniġment;
- iii. l-ippjanar u l-istabbiliment tal-proċeduri, l-għanijiet u l-miri neċessarji, flimkien ma' ppjanar u investiment finanzjarju;
- iv. l-implimentazzjoni tal-proċeduri b'attenzjoni partikolari għal:
 - (a) l-istruttura u r-responsabbiltà
 - (b) it-taħriġ, l-għarfien u l-kompetenza
 - (c) il-komunikazzjoni
 - (d) l-involviment tal-impjegati
 - (e) id-dokumentazzjoni
 - (f) il-kontroll effiċjenti tal-proċessi
 - (g) il-programmi ta' manutenzjoni
 - (h) l-istat ta' preparazzjoni u r-rispons għall-emerġenzi
 - (i) is-salvagwardja tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali;
- v. l-iċċekkjar tal-prestazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva, b'attenzjoni partikolari għal:
 - (a) l-monitoraġġ u l-kejl (ara wkoll id-Dokument ta' Referenza dwar il-Prinċipji Ġenerali tal-Monitoraġġ)
 - (b) l-azzjoni korrettiva u preventiva
 - (c) iż-żamma tar-reġistri
 - (d) l-awditjar intern u estern indipendenti (fejn prattikabbli) sabiex jiġi stabbilit jekk l-EMS hijiex konformi mal-arranġamenti ppjanati u li dawn ġew implimentati u miżmuma kif suppost;
- vi. l-analiżi tal-EMS u l-adattabbiltà, l-adegwatezza u l-effikaċja kontinwa tagħha mill-maniġment superjuri;
- vii. li jiġi segwit l-iżvilupp ta' teknoloġiji aktar nodfa;
- viii. il-kunsiderazzjoni għall-impatti ambjentali mid-dekummissjonar eventwali tal-installazzjoni fl-istadju tat-tfassil ta' impjant ġdid, u matul il-ħajja operattiva kollha tiegħu;
- ix. l-applikazzjoni ta' parametri referenzjarji settorjali fuq bażi regolari.

B'mod speċifiku għall-ikkonzar tal-ġlud, huwa importanti wkoll li jitqiesu l-karatteristiki potenzjali tal-EMS li ġejjin:
- x. biex jiġi ffaċilitat id-dekummissjonar, iż-żamma tar-reġistri tal-postijiet fis-sit fejn jitwettqu l-istadji tal-proċessi partikolari;
- xi. punti oħra elenkati taħt il-konklużjoni tal-BAT Nru 2.

Applikabbiltà

L-ambitu (eż. il-livell ta' dettalji) u n-natura tal-EMS (eż. standardizzata jew mhux standardizzata) ġeneralment se jkunu relatati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjoni, u l-firxa tal-impatti ambjentali li jista' jkollha.

1.1.2. Organizzazzjoni interna tajba

2. Sabiex jiġi mminimizzata l-impatt ambjentali tal-proċess tal-produzzjoni, il-BAT tinvolvi l-prinċipji ta' organizzazzjoni interna tajba billi tapplika t-tekniki li ġejjin flimkien:

- i. għażla u kontroll bir-reqqa ta' sustanzi u materja prima (eż. il-kwalità tal-ġlud, il-kwalità tas-sustanzi kimiċi);
- ii. analiżi tal-input-output b'inventarju kimiku, inklużi l-kwantitajiet u l-proprietajiet tossikoloġiċi;

- iii. il-minimizzazzjoni tal-użu tas-sustanzi kimiċi għal-livell minimu meħtieġ mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità tal-prodott finali;
- iv. materja prima u prodotti lesti li jiġu mmanipulati u maħżuna bl-attenzjoni dovuta sabiex jiġu evitati tixrid, aċċidenti u ħela ta' ilma;
- v. segregazzjoni tal-flussi tal-iskart, fejn prattikabbli, sabiex ċerti flussi ta' skart ikunu jistgħu jiġu rriċiklati;
- vi. monitoraġġ tal-parametri kritiċi tal-proċessi biex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-proċess tal-produzzjoni;
- vii. manutenzjoni regolari tas-sistemi għat-trattament tal-effluwenti;
- viii. analiżi tal-għażliet għall-użu mill-ġdid tal-ilma tal-proċessi/tal-ħasil;
- ix. analiżi tal-alternattivi għar-rimi tal-iskart.

1.2. Monitoraġġ

3. L-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-monitoraġġ tal-emissjonijiet u parametri oħra rilevanti tal-proċessi, inklużi dawk indikati hawn taħt, bil-frekwenza assoċjata mogħtija u l-monitoraġġ tal-emissjonijiet skont l-istandards EN. Jekk l-istandards EN ma jkunux disponibbli, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-użu tal-istandards ISO, jew ta' standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jiżguraw il-provvediment ta' dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

	Parametru	Frekwenza	Applikabbiltà
a	Kejl tal-konsum tal-ilma fl-istadji ta' żewġ proċessi: sa ma jsir l-ikkonzar u wara li dan isir, u reġistrazzjoni tal-produzzjoni fl-istess perjodu.	Tal-anqas darba fix-xahar.	Applikabbli għall-impjanti li jwettqu proċessar fl-umdu.
b	Reġistrazzjoni tal-kwantitajiet tas-sustanzi kimiċi tal-proċessi użati f'kull stadju tal-proċessi u reġistrazzjoni tal-produzzjoni fl-istess perjodu.	Tal-anqas darba fis-sena.	Applikabbli b'mod ġenerali.
c	Monitoraġġ tal-konċentrazzjoni tas-sulfid u tal-konċentrazzjoni tal-kromju totali fl-effluent finali wara t-trattament għal rimi dirett fl-ilma riċevanti, bl-użu ta' kampjuni komposti meħudin fuq 24 siegħa li jkunu proporzjonali għall-fluss. Monitoraġġ tal-konċentrazzjoni tas-sulfid u tal-konċentrazzjoni tal-kromju totali wara l-preċipitazzjoni tal-kromju għal rimi dirett, bl-użu ta' kampjuni komposti meħudin fuq 24 siegħa li jkunu proporzjonali għall-fluss.	Darba fil-ġimgħa jew darba fix-xahar.	Il-monitoraġġ tal-konċentrazzjoni tal-kromju huwa applikabbli għal impjanti fis-sit jew lil hinn mis-sit li jwettqu preċipitazzjoni tal-kromju. Fejn ikun ekonomikament fattibbli, il-monitoraġġ tal-konċentrazzjoni tas-sulfid huwa applikabbli għal impjanti li jwettqu xi parti mit-trattament tal-effluent fis-sit jew lil hinn mis-sit għat-trattament tal-ilma mormi mill-konzerji.
d	Monitoraġġ tad-domanda kimika ta' ossiġenu (DKO), tad-domanda bijokimika ta' ossiġenu (DBO) u tan-nitroġenu ammonijakali wara t-trattament tal-effluent fis-sit jew lil hinn mis-sit għal rimi dirett fl-ilma riċevanti, bl-użu ta' kampjuni komposti meħudin fuq 24 siegħa li jkunu proporzjonali għall-fluss. Monitoraġġ tas-solidi totali sospiżi wara trattament tal-effluent fis-sit u lil hinn mis-sit għal rimi dirett fl-ilma riċevanti.	Darba fil-ġimgħa jew darba fix-xahar. Kejl iktar frekwenti f'każ li jkunu meħtieġa bidliet fil-proċessi.	Applikabbli għal impjanti li jwettqu xi parti mit-trattament tal-effluent fis-sit jew lil hinn mis-sit għat-trattament tal-ilma mormi mill-konzerji.

	Parametru	Frekwenza	Applikabbiltà
e	Monitoraġġ tal-komposti organiċi aloġenati wara trattament tal-effluwent fis-sit u lil hinn mis-sit għal rimi dirett fl-ilma riċeventi.	Fuq bażi regolari.	Applikabbli għal impjanti fejn komposti organiċi aloġenati jintużaw fil-proċess tal-produzzjoni u huma suxxettibbli li jiġu rilaxxati fl-ilma riċeventi.
f	Kejl tal-pH jew tal-potenzjal tar-riduzzjoni/ossidazzjoni fl-iżbokk tal-likwidu ta' tagħmir ta' tisfija mill-impuritajiet fl-umdu.	Kontinwament.	Applikabbli għal impjanti li jużaw tisfija mill-impuritajiet fl-umdu biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-sulfid tal-idroġenu jew tal-ammonijaka fl-arja.
g	Iż-żamma ta' inventarju tas-solventi fuq bażi annwali, u r-reġistrazzjoni tal-produzzjoni fl-istess perjodu.	Fuq bażi annwali.	Applikabbli għal impjanti li jwettqu finitura bl-użu ta' solventi u bl-użu ta' kisjiet b'bażi ta' ilma jew materjali simili biex jiġi limitat l-input ta' solventi.
h	Monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili fl-iżbokk tat-tagħmir tat-tnaqqis, u reġistrazzjoni tal-produzzjoni.	Kontinwament jew perjodikament.	Applikabbli għal impjanti li jwettqu finituri bl-użu ta' solventi u li jużaw metodi ta' tnaqqis.
i	Monitoraġġ indikattiv tal-waqgħa fil-pressjoni minn filtru bil-borża għal ieħor.	Fuq bażi regolari.	Applikabbli għal impjanti li jużaw filtri bil-borża biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-materja partikulata, fejn ikun hemm rimi dirett fl-atmosfera.
j	Ittestjar tal-effiċjenza tal-qbid tas-sistemi tat-tisfija mill-impuritajiet.	Kull sena.	Applikabbli għal impjanti li jużaw tisfija mill-impuritajiet biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-materja partikulata, fejn ikun hemm rimi dirett fl-atmosfera.
k	Reġistrazzjoni tal-kwantitajiet tar-residwi tal-proċess li jintbagħat għall-irkupru, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, u rimi.	Fuq bażi regolari.	Applikabbli b'mod ġenerali.
l	Reġistrazzjoni ta' kull forma ta' użu u ta' produzzjoni tal-enerġija fl-istess perjodu.	Fuq bażi regolari.	Applikabbli b'mod ġenerali.

1.3. Minimizzazzjoni tal-konsum tal-ilma

4. Sabiex jiġi mminimizzat il-konsum tal-ilma, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-użu ta' waħda mit-tekniki li ġejjin, jew it-tnejn li huma.

	Teknika	Deskrizzjoni	Applikabbiltà
a	L-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ilma fl-istadji kollha tal-proċessi fl-umdu, inkluż l-użu ta' ħasil ta' lottijiet minflok ħasil bl-ilma ġieri.	L-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ilma tinkiseb billi tiġi ddeterminata l-kwantità ideali meħtieġa għal kull stadju tal-proċessi u bl-introduzzjoni tal-kwantità tajba bl-użu ta' tagħmir tal-kejl. Il-ħasil flottijiet jinvolvi l-ħasil tal-ġlud matul l-ipproċessar bl-introduzzjoni tal-kwantità ta' ilma meħtieġa fir-riċipient tal-ipproċessar u bl-użu tal-azzjoni tar-riċipient biex tinkiseb l-aġitazzjoni meħtieġa, għall-kuntrarju ta' ħasliet fl-ilma ġieri li jużaw id-dħul u l-ħruġ ta' flussi ta' kwantitajiet kbar ta' ilma.	Applikabbli għall-impjanti kollha li jwettqu proċessar fl-umdu.
b	L-użu ta' short floats	Short floats huma ammonti mnaqqsa tal-ilma tal-ipproċessar fi proporzjon għall-ammont ta' ġlud li jkun qed jiġu pproċessati meta mqabbla mal-prattiki tradizzjonali. Għal dan it-tnaqqis hemm limitu inferjuri peress li l-ilma jiffunzjona wkoll bħala lubrikant u aġent ta' tkessiħ għall-ġlud matul l-ipproċessar. Irrotazzjoni tar-riċipienti tal-ipproċessar li jkun fihom ammont limitat ta' ilma teħtieġ sistemi iktar robusti ta' trażmissjoni b'forza peress li l-massa li tkun qed tiddawwar tkun irregolari.	Din it-teknika ma tistax tiġi applikata fil-proċess tal-għoti taż-żebgħa u għall-ipproċessar tal-ġlud tal-għoġġiela. L-applikabbiltà hija limitata wkoll għal: — riċipienti tal-ipproċessar ġodda — riċipienti eżistenti tal-ipproċessar li jippermettu l-użu ta', jew jistgħu jiġu mmodifikati biex jużaw, short floats.

L-analiżi tal-alternattivi għall-użu mill-ġdid tal-ilma tal-ipproċessar/ħasil hija parti minn Sistema ta' Mmaniġġjar Ambjentali (ara l-BAT Nru 1) u mill-prinċipji ta' organizzazzjoni interna tajba (ara l-BAT Nru 2).

Il-livelli ta' konsum assoċjati mal-BAT għall-ilma

Ara t-Tabella 1 (għall-ġlud bovini) u t-Tabella 2 (għall-ġlud tan-nagħaġ).

Tabella 1

Il-livelli ta' konsum assoċjati mal-BAT għall-ilma għall-ipproċessar ta' ġlud bovini

Stadji tal-proċessi	Konsum tal-ilma għal kull tunnellata ta' ġlud mhux ipproċessati ⁽¹⁾ (m ³ /t)	
	Ġlud li ma ġewx ibbanjati bil-melħ	Ġlud li ġew ibbanjati bil-melħ
Mhux ipproċessati sa mxarrbin blu/bojod (ikkonzati bil-kromju)	10 sa 15	13 sa 18
Proċessi ta' wara l-ikkonzar u finitura	6 sa 10	6 sa 10
Total ta' ilma.	16 sa 25	19 sa 28

(¹) Valuri medji fix-xahar. L-ipproċessar tal-ġlud tal-għoġġiela u l-ikkonzar veġetali jistgħu jeħtieġu konsum ikbar

Tabella 2

Il-livelli ta' konsum assoċjati mal-BAT għall-ilma għall-ipproċessar ta' ġlud tan-nagħaġ

Stadji tal-proċessi	Konsum tal-ilma speċifiku ⁽¹⁾
	litri għal kull ġilda
Mhux ipproċessati sal-ibbanjar bl-aċidu u l-melħ	65 sa 80
Ibbanjar bl-aċidu u l-melħ sa mxarrbin blu	30 sa 55
Proċessi ta' wara l-ikkonzar u finitura	15 sa 45
Total	110 sa 180

(¹) Valuri medji fix-xahar. Il-ġlud tan-nagħaġ bis-suf jistgħu jeħtieġu konsum ikbar ta' ilma

1.4. Tnaqqis ta' emissjonijiet fl-ilma mormi

1.4.1. Tnaqqis ta' emissjonijiet fl-ilma mormi mill-istadji tal-proċessi fit-taqsimu u m d a

5. Sabiex titnaqqas it-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma mormi qabel it-trattament tal-effluwent, li tirriżulta mill-istadji tal-proċessi fit-taqsimu u m d a, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi kombinazzjoni xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

Teknika	Deskrizzjoni	Applikabbiltà
a	L-użu ta' short floats	<p>It-teknika ma tistax tiġi applikata għall-ipproċessar tal-ġlud tal-għoġġiela.</p> <p>L-applikabbiltà hija limitata wkoll għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — reċipjenti tal-ipproċessar ġodda — reċipjenti eżistenti tal-ipproċessar li jippermettu l-użu ta', jew jistgħu jiġu mmodifikati biex jużaw, short floats.

	Teknika	Deskrizzjoni	Applikabbiltà
b	L-użu ta' ġlud nodfa	L-użu ta' ġlud li jkollhom inqas demel imwahaħhal mal-parti esterna, possibbilment permezz ta' "skema ta' ġlud nodfa" formali.	Applikabbli iżda soġġetta għar-restrizzjonijiet tad-disponibbiltà ta' ġlud nodfa.
c	Proċessar ta' ġlud friski	Jintużaw ġlud mhux ibbanjati bil-melħ. Tkessiħ rapidu post-mortem jew b'ħinijiet qosra ta' trasport inkella bl-użu ta' trasport u ħżin f'temperatura kkontrollata biex jiġi evitat id-deterjorament.	L-applikabbiltà hija limitata mid-disponibbiltà ta' ġlud friski. Ma tistax tiġi applikata meta tkun involuta katina tal-provvista li ddum iktar minn jumejn.
d	It-tneħħija tal-melħ li ma jkunx qabad mal-ġlud permezz ta' mezzi mekkaniċi	Ġlud ibbanjati bil-melħ jinfetħu għall-ipproċessar b'mod li jċaqlaqhom jew idawwarhom, sabiex il-kristalli tal-melħ li ma jkunux qabdu magħhom jaqgħu u ma jittiħdux fil-proċess tat-tgħaddis.	L-applikabbiltà hija limitata għall-konzerji li jipproċessaw il-ġlud ibbanjati bil-melħ.
e	Tneħħija tax-xagħar li tipp-reżerva x-xagħar	It-tneħħija tax-xagħar titwettag bit-taħlil tal-basla tax-xagħra iktar milli tax-xagħra kollha kemm hi. L-xagħar li jibqa' jiġi ffiltrat mill-effluwent. Il-konċentrazzjoni tal-prodotti tad-degradazzjoni tax-xagħar fl-effluwent titnaqqas.	It-teknika mhijiex applikabbli fejn il-faċilitajiet għall-ipproċessar tax-xagħar, biex jintuża, ma jkunux disponibbli f'distanza raġonevoli tat-trasport jew meta l-użu tax-xagħar ma jkunx possibbli. L-applikabbiltà hija limitata wkoll għal: — reċipjenti tal-ipproċessar ġodda — reċipjenti eżistenti tal-ipproċessar li jippermettu l-użu ta', jew jistgħu jiġu mmodifikati biex jużaw, din it-teknika.
f	L-użu ta' komposti organiċi tal-kubrit jew ta' enzimi fit-tneħħija tax-xagħar minn mal-ġlud bovini	L-ammont ta' sulfid inorganiku użat fit-tneħħija tax-xagħar jitnaqqas billi jiġi ssostitwit parzjalment b'komposti organiċi tal-kubrit jew bl-użu addizzjonali ta' enzimi xierqa.	L-użu addizzjonali ta' enzimi mhuwiex applikabbli għal konzerji li jipproduċu l-ġilda b'vina viżibbli (eż. ġilda tal-anilina).
g	Użu mnaqqas ta' ammonju matul it-tneħħija tal-alkali	L-użu ta' komposti tal-ammonju fit-tneħħija tal-alkali jiġi ssostitwit parzjalment jew kompletament bl-injezzjoni ta' gass tad-diossidu tal-karbonju u/jew l-użu ta' aġenti oħra ta' sostituzzjoni għat-tneħħija tal-alkali.	Is-sostituzzjoni totali tal-komposti tal-ammonju bid-CO ₂ matul it-tneħħija tal-alkali ma tistax tiġi applikata għall-ipproċessar ta' materjali li l-ħxuna tagħhom hija iktar minn 1,5 mm. L-applikabbiltà ta' sostituzzjoni parzjali jew totali tal-komposti tal-ammonju bid-CO ₂ matul it-tneħħija tal-alkali hija limitata wkoll għal: — reċipjenti tal-ipproċessar ġodda — reċipjenti eżistenti tal-ipproċessar li jippermettu l-użu ta', jew jistgħu jiġu mmodifikati biex jużaw, id-CO ₂ matul it-tneħħija tal-alkali.

1.4.2. Tnaqqis ta' emissjonijiet fl-ilma mormi mill-istadji tal-proċessi fit-taqsim tal-ikkonzar

6. Sabiex titnaqqas it-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma mormi, qabel it-trattament tal-effluwent, li tirriżulta mill-istadji tal-proċessi fit-taqsim tal-ikkonzar, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi kombinazzjoni xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

	Teknika	Deskrizzjoni	Applikabbiltà
a	L-użu ta' short floats	Short floats huma ammonti mnaqqsa ta' ilma tal-ipproċessar. Meta jkun hemm inqas ilma preżenti, il-kwantità tas-sustanzi kimiċi tal-ipproċessar li jintremew mingħajr ma jkunu rreaġixxew, titnaqqas.	Din it-teknika ma tistax tiġi applikata għall-ipproċessar tal-ġlud tal-għoġġiela. L-applikabbiltà hija limitata wkoll għal: — reċipjenti tal-ipproċessar ġodda — reċipjenti eżistenti tal-ipproċessar li jippermettu l-użu ta', jew jistgħu jiġu mmodifikati biex jużaw, short floats.
b	Massimizzazzjoni tal-assorbiment tal-aġenti ta' kkonzar ibbażati fuq il-kromju	L-ottimizzazzjoni tal-parametri tal-operat (eż. il-pH, il-float, it-temperatura, il-ħin, u l-ħeffa tat-tambur) u l-użu ta' sustanzi kimiċi biex jiżdied il-proporzjon tal-aġent tal-ikkonzar ibbażat fuq il-kromju assorbit mill-ġlud.	Applikabbli b'mod ġenerali.
c	Metodi ottimizzati ta' kkonzar veġetali	L-użu ta' kkonzar ftambur għal parti mill-proċess. L-użu ta' aġenti applikati qabel l-ikkonzar biex jgħinu l-penetrazzjoni tat-tannini veġetali.	Ma tistax tiġi applikata fil-produzzjoni ta' nagħal ikkonzat b'veġetali.

1.4.3. Tnaqqis ta' emissjonijiet fl-ilma mormi mill-istadji tal-proċessi ta' wara l-ikkonzar

7. Sabiex titnaqqas it-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma mormi, qabel it-trattament tal-effluent, li tirriżulta mill-istadji tal-proċessi ta' wara l-ikkonzar, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi kombinazzjoni xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

	Teknika	Deskrizzjoni	Applikabbiltà
a	L-użu ta' short floats	Short floats huma ammonti mnaqqsa ta' ilma tal-ipproċessar. Meta jkun hemm inqas ilma preżenti, il-kwantità tas-sustanzi kimiċi tal-ipproċessar li jintremew mingħajr ma jkunu rreaġixxew, titnaqqas.	Din it-teknika ma tistax tiġi applikata fil-proċess tal-għoti taż-żebgħa u għall-ipproċessar tal-ġlud tal-għoġġiela. L-applikabbiltà hija limitata wkoll għal: — reċipjenti tal-ipproċessar ġodda — reċipjenti eżistenti tal-ipproċessar li jippermettu l-użu ta', jew jistgħu jiġu mmodifikati biex jużaw, short floats.
b	Ottimizzazzjoni tal-ikkonzar mill-ġdid, tal-għoti taż-żebgħa u tad-dlik bix-xaħam	L-ottimizzazzjoni tal-parametri tal-proċessi biex jiġi żgurat l-assorbiment massimu tas-sustanzi kimiċi tal-ipproċessar.	Applikabbli b'mod ġenerali.

1.4.4. Tnaqqis ieħor ta' emissjonijiet fl-ilma mormi

8. Sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet ta' pestiċidi speċifiċi fl-ilma mormi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-ipproċessar ta' dawk il-ġlud biss li ma ġewx trattati b'dawk il-materjali.

Deskrizzjoni

It-teknika tikkonsisti fl-ispeċifikazzjoni fil-kuntratti ta' forniment ta' materjali li ma jkunx fihom pestiċidi li huma:

- elenkati fid-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma ⁽¹⁾;
- elenkati fir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar sustanzi niġġiesa organiċi persistenti ⁽²⁾;
- ikklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet ⁽³⁾.

Eżempji jinkludu d-DDT, il-pestiċidi ċiklodieniċi (aldrina, dieldrina, endrina, isodrina) u l-HCH inkluż il-lindan.

Applikabbiltà

Applikabbli b'mod ġenerali għall-konzerji fi ħdan ir-restrizzjonijiet tal-kontroll tal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lill-fornituri tal-ġlud minn barra l-UE.

9. Sabiex jiġu minimizzati l-emissjonijiet tal-bijoċidi fl-ilma mormi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-ipproċessar tal-ġlud bi prodotti bijoċidali biss li jkunu approvati skont id-dispożizzjonijiet mogħtija bir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽⁴⁾.

1.5. Trattament tal-emissjonijiet li jspicċaw fl-ilma

10. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet li jspicċaw fl-ilmijiet riċeventi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-applikazzjoni ta' trattament tal-ilma mormi li jkun jinvolvi kombinazzjoni xierqa fis-sit u/jew lil hinn mis-sit tat-tekniki li ġejjin:

- i. trattament mekkaniku
- ii. trattament fiżikokimiku
- iii. trattament bijoloġiku
- iv. eliminazzjoni bijoloġika tan-nitroġenu.

Deskrizzjoni

L-applikazzjoni ta' kombinazzjoni xierqa tat-tekniki deskritti hawn taħt. Il-kombinazzjoni tat-tekniki tista' tiġi implimentata fis-sit u/jew lil hinn mis-sit, f'żewġ stadji jew fi tlieta.

	Teknika	Deskrizzjoni	Applikabbiltà
a	Trattament mekkaniku	Skrinjar ta' solidi kbar, xkumar tax-xaħmijiet, żjut u grass u t-tneħħija ta' solidi permezz tas-sedimentazzjoni.	Applikabbli b'mod ġenerali għal trattament fis-sit u/jew lil hinn mis-sit.
b	Trattament fiżikokimiku	Ossidazzjoni u/jew preċipitazzjoni tas-sulfidi, DKO u tneħħija ta' solidi sospiżi permezz ta' pereżempju koagulazzjoni u flokkulazzjoni. Preċipitazzjoni tal-kromju billi l-pH jiżdied sa 8 jew iktar bl-użu ta' alkali (eż. idrossidu tal-kalċju, ossidu tal-manjeżju, karbonat tas-sodju, idrossidu tas-sodju, aluminat tas-sodju).	Applikabbli b'mod ġenerali għal trattament fis-sit u/jew lil hinn mis-sit.
c	Eliminazzjoni fiżikokimiku	Trattament bijoloġiku aerobiku tal-ilma mormi bl-użu ta' aerazzjoni, inkluża t-tneħħija tas-solidi sospiżi permezz ta' pereżempju sedimentazzjoni, flottazzjoni sekondarja.	Applikabbli b'mod ġenerali għal trattament fis-sit u/jew lil hinn mis-sit.
d	Eliminazzjoni bijoloġika tan-nitroġenu	In-nitrifikazzjoni ta' komposti ammonijakali tan-nitroġenu għal nitrati, segwita mir-riduzzjoni tan-nitrati għal nitroġenu gassuż.	Applikabbli għall-impjanti b'rimi dirett filma riċeventi. L-implimentazzjoni hija diffiċli f'impjanti eżistenti fejn hemm limitazzjonijiet ta' spazju.

⁽¹⁾ ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84.

⁽²⁾ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT

Ara t-Tabella 3. Il-BAT-AELs japplikaw għal:

- i. rimi dirett ta' ilma mormi minn impjanti tat-ttrattament tal-ilma mormi li jinsabu fis-sit tal-konzeriji
- ii. rimi dirett ta' ilma mormi minn impjanti tat-ttrattament tal-ilma mormi operati b'mod indipendenti koperti bit-Taqsima 6.11 fl-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE li jittrattaw l-iktar ilma mormi mill-konzeriji.

Tabella 3

BAT-AELs għal rimi dirett ta' ilma mormi wara t-ttrattament

Parametru	BAT-AELs
	mg/l (valuri medji ta' kull xahar ibbażati fuq il-medja tal-kampjuni komposti rappreżentattivi ta' 24 siegħa meħudin fuq xahar)
DKO	200 – 500 ⁽¹⁾
DBO₅	15 – 25
Solidi sospiżi	< 35
Nitroġenu ammonijakali NH₄-N (bħala N)	< 10
Kromju totali (bħala Cr)	< 0,3 – 1
Sulfid (bħala S)	< 1

(¹) Il-livell superjuri huwa assoċjat ma' konċentrazzjonijiet ta' DKO fil-punt tad-dħul $\geq 8\,000$ mg/l.

11. Sabiex jitnaqqas il-kontenut tal-kromju fir-rimi tal-ilma mormi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-applikazzjoni tal-preċipitazzjoni tal-kromju fis-sit u lil hinn mis-sit.

Deskrizzjoni

Ara l-BAT Nru 10, it-teknika b.

L-effiċjenza tal-preċipitazzjoni tal-kromju hija ogħla fil-każ ta' flussi li jkun fihom il-kromju li jkunu ssegregati u kkonċentri.

Applikabbiltà

Applikabbli b'mod ġenerali għat-ttrattament tal-effluent fis-sit u/jew lil hinn mis-sit ta' konzeriji li jwettqu kkonzar u/jew ikkonzar mill-ġdid bil-kromju.

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT

Ara t-tabella 3 għall-BAT-AELs tal-kromju għal rimi dirett filma riċeventi, u t-Tabella 4 għall-BAT-AELs tal-kromju għal rimi indiretti f'impjanti tat-ttrattament tal-ilma mormi urban.

12. Sabiex jitnaqqas it-total tal-emissjonijiet tal-kromju u tas-sulfid minn rimi indiretti ta' ilma mormi minn konzeriji f'impjanti tat-ttrattament tal-ilma urban mormi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-applikazzjoni ta' preċipitazzjoni tal-kromju u ossidazzjoni tas-sulfid.

Deskrizzjoni

Ara l-BAT Nru 10, it-teknika b.

L-effiċjenza tat-tneħħija hija ogħla fil-każ ta' flussi li jkun fihom il-kromju/sulfid li jkunu ssegregati u kkonċentri.

L-ossidazzjoni tas-sulfid tikkonsisti minn ossidazzjoni katalitika (aerazzjoni fil-preżenza ta' mlieħ tal-manganeż).

Applikabbiltà

Il-preċipitazzjoni tal-kromju hija applikabbli b'mod ġenerali għat-trattament tal-effluwenti tal-ilma mormi fis-sit u/jew lil hinn mis-sit ta' konzeriji li jwettqu kkonzar u/jew ikkonzar mill-ġdid bil-kromju.

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT

Ara t-Tabella 4 għall-BAT-AELs tal-kromju u s-sulfid għal rimi indirett fl-impjanti ta-trattament tal-ilma urban mormi.

Tabella 4

Il-BAT-AELs għall-emissjonijiet totali tal-kromju u s-sulfid minn rimi indirett ta' ilma mormi minn konzeriji f'impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi

Parametru	BAT-AELs
	mg/l (valuri medji ta' kull xahar ibbażati fuq il-medja tal-kampjuni komposti rappreżentattivi ta' 24 siegħa meħudin fuq xahar)
Kromju totali (bħala Cr)	< 0,3 – 1
Sulfid (bħala S)	< 1

1.6. Emissjonijiet fl-arja**1.6.1. Riġa**

13. Sabiex titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' rwejjaħ tal-ammonja mill-ipproċessar, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi sostituzzjoni parzjali jew totali tal-komposti tal-ammonju fit-tneħħija tal-alkali.

Applikabbiltà

Is-sostituzzjoni totali tal-komposti tal-ammonju bid-CO₂ matul it-tneħħija tal-alkali ma tistax tiġi applikata għall-ipproċessar ta' materjali li l-ħxuna tagħhom hija iktar minn 1,5 mm.

L-applikabbiltà ta' sostituzzjoni parzjali jew totali tal-komposti tal-ammonju bid-CO₂ matul it-tneħħija tal-alkali hija limitata wkoll għal reċipjenti ġodda kif ukoll għal daww eżistenti li jippermettu l-użu, jew jistgħu jiġu mmodifikati biex jużaw, id-CO₂ matul it-tneħħija tal-alkali.

14. Sabiex jitnaqqas l-emissjonijiet ta' rwejjaħ mill-istadji tal-proċessi u mit-trattament tal-effluent, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi t-tnaqqis tas-sulfid tal-ammonja u tal-idroġenu bit-tneħħija tal-impurità u/jew bil-filtrazzjoni tal-arja estratta li fiha r-riġa ta' dawn il-gassijiet tkun tinxtamm.

15. Sabiex tiġi evitata l-produzzjoni ta' rwejjaħ mid-dekompożizzjoni ta' ġlud mhux ipproċessati, l-aqwa teknika disponibbli hija li jintużaw essikazzjoni u ħżin imfassla biex jevitaw id-dekompożizzjoni, u tidwir rigoruż tal-istokk tal-ġlud.

Deskrizzjoni

Essikazzjoni bil-melħ jew kontroll tat-temperatura korretti, it-tnejn li huma kkombinati ma' tidwir rigoruż tal-istokk biex jiġu eliminati l-irwejjaħ tad-dekompożizzjoni.

16. Sabiex jitnaqqas l-emissjonijiet ta' rwejjaħ mill-iskart, l-aqwa teknika disponibbli hija li jintużaw proċeduri ta' manipulazzjoni u ħżin imfassla biex inaqqas id-dekompożizzjoni tal-iskart.

Deskrizzjoni

Kontroll tal-ħżin tal-iskart u tneħħija metodika ta' skart li jitnawwar mill-installazzjoni qabel ma jiddekomponi u jikkawża problemi ta' riġa.

Applikabbiltà

Tapplika biss għall-impjanti li jipproduċu skart li jitnawwar.

17. Sabiex titnaqqas l-emissjoni ta' rwejjaħ mill-effluent tat-taqsim u mda, l-aqwa teknika disponibbli hija l-użu ta' kontroll tal-pH segwit minn trattamenti biex jitneħħa l-kontenut ta' sulfid.

Deskrizzjoni

Il-pH tal-effluenti mit-taqsimha umda li jkun fihom is-sulfid tinżamm ogħla minn 9,5 sa ma s-sulfid ikun ġie ttrattat (fis-sit jew lil hinn minnu) b'waħda mit-tekniki li ġejjin:

- i. ossidazzjoni katalitika (bl-użu tal-imlieh tal-manganeż bħala katalist)
- ii. ossidazzjoni bijoloġika
- iii. preċipitazzjoni, jew
- iv. bit-taħlit fsistema ta' reċipjent magħluq li jkun fih tagħmir li jnaddaf l-impuritajiet jew filtru tal-karbonju.

Applikabbiltà

Tapplika biss għall-impjanti li jwettqu tneħħija tax-xagħar bis-sulfid.

1.6.2. Komposti organiċi volatili

18. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja ta' komposti organiċi volatili aloġenati, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi sostituzzjoni ta' komposti organiċi volatili aloġenati użati fil-proċess b'sustanzi li mhumiex aloġenati.

Deskrizzjoni

Sostituzzjoni tas-solventi aloġenati b'solventi mhux aloġenati.

Applikabbiltà

Ma tapplikax għat-tneħħija tal-grass fin-nieqef tal-ġlud tan-nagħaġ imwettqa f'magni b'ċiklu magħluq.

19. Sabiex jintaqqsu l-emissjonijiet fl-arja tal-komposti organiċi volatili (VOC) mill-finitura, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-użu ta' teknika waħda jew ta' kombinazzjoni ta' tekniki mogħtija hawn taħt, fejn tingħata prijorità lill-ewwel teknika.

	Teknika	Deskrizzjoni
a	L-użu ta' kisjiet b'bażi ta' ilma flimkien ma' sistema ta' applikazzjoni effiċjenti	Limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-komposti organiċi volatili bl-użu ta' kisjiet b'bażi ta' ilma, għal kull kisja applikat b'waħda minn dawn it-tekniki li ġejjin: kisi b'purtiera ta' fluwidu jew kisi bir-rombli jew tekniki tal-kisi mtejba.
b	L-użu ta' sistema ta' ventilazzjoni b'estraxxjoni u tneħħija	Trattament tal-arja li tintrema l barra bl-użu ta' sistema ta' estraxxjoni li jkun fiha waħda jew iktar minn dawn li ġejjin: tisfija mill-impuritajiet fl-umdu, adsorbiment, bijofil-trazzjoni jew inċinerazzjoni.

Livelli tal-użu tas-solventi assoċjati mal-BAT u livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT għall-VOC

Kemm ir-rati tal-użu tas-solventi assoċjati mal-użu ta' kisjiet b'bażi ta' ilma flimkien ma' sistema ta' applikazzjoni effiċjenti kif ukoll il-firxa tal-BAT-AEL għal emissjonijiet speċifiċi ta' VOC fejn sistema ta' ventilazzjoni u tnaqqis tintuża bħala alternattiva għall-użu ta' materjali ta' kisjiet b'bażi ta' ilma huma mogħtija fit-Tabella 5.

Tabella 5

Livelli tal-użu tas-solventi assoċjati mal-BAT u BAT-AELs għall-emissjonijiet ta' VOC.

Parametru	Tip ta' produzzjoni	Livelli assoċjati mal-BAT
		g/m ² (valuri annwali medji għal kull unità ta' ġilda lesta)
Livelli tal-użu tas-solventi	Fejn jintużaw kisjiet b'bażi ta' ilma flimkien ma' sistema ta' applikazzjoni effiċjenti	Ġilda għat-tapezzerija u ġilda għall-karozzi
		Ġilda għaż-żraben, għall-ħwejjeġ u għal oġġetti tal-ġilda
		Ġlud miksija (ħxuna tal-kisja > 0,15 mm)

Parametru	Tip ta' produzzjoni	Livelli assoċjati mal-BAT
		g/m ² (valuri annwali medji għal kull unità ta' ġilda lesta)
Emissjonijiet ta' VOC	Fejn tintuża sistema ta' ventilazzjoni b'estraxxjoni u tneħħija bħala alternattiva għall-użu ta' materjali ta' finitura b'bażi ta' ilma	9 – 23 ⁽¹⁾

⁽¹⁾ firxa tal-BAT-AEL espressa bħala karbonju totali.

1.6.3. Materja partikulata

20. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-materja partikulata fl-arja mill-istadji tal-produzzjoni ta' finitura fin-niexef, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-użu ta' sistema ta' ventilazzjoni b'estraxxjoni li jkun fiha filtri bil-borża jew tagħmir ta' tisfija mill-impuritajiet fl-umdu.

Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT

Il-BAT-AEL għall-materja partikulata huma ta' 3 sa 6 mg għal kull m³ normali ta' arja li tintrema 1 barra espressi bħala medja ta' 30 minuta.

1.7. Immaniġġjar tal-iskart

21. Sabiex jiġu limitati l-kwantitajiet ta' skart mibgħuta għar-rimi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet fis-sit sabiex jiġi massimizzat il-proporzjon ta' residwi tal-proċessi, li jirriżulta bħala prodotti sekondarji, inklużi dawn li ġejjin:

Residwu tal-proċessi	Użi bħala prodott sekondarju
Xaġġar u suf	— Materjal tal-mili — Tessuti tas-suf
Bċejjeċ tal-ġlud trattati bl-alkali	— Produzzjoni tal-kollaġen
Ċraret tal-ġlud mhux ikkonzati	— Ipproċessati f'ġilda — Produzzjoni ta' kejsing għaz-zalzett — Produzzjoni tal-kollaġen — Oġġetti biex jogħmoduhom il-klieb
Bċejjeċ u ċraret tal-ġlud ikkonzati	— Lesti għall-użu f'xogħol ta' rqajja', oġġetti żgħar tal-ġilda, eċċ. — Produzzjoni tal-kollaġen

22. Sabiex jiġu limitati l-kwantitajiet ta' skart mibgħuta għar-rimi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet fis-sit sabiex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-iskart, jew meta dan ma jseħx, ir-riċiklaġġ tal-iskart, jew meta lanqas dan ma jseħx, "irkupru ieħor", inklużi dawn li ġejjin:

Skart	Użu mill-ġdid wara l-preparazzjoni	Riċiklaġġ bħala	Irkupru ieħor
Xaġġar u Suf	— Manifattura ta' idroliżati tal-proteini	— Fertilizzant	— Irkupru ta' enerġija
Bċejjeċ tal-ġlud mhux ikkonzati		— Kolla tal-ġlud	— Irkupru ta' enerġija
Bċejjeċ tal-ġlud ikkonzati	— Xaħam ta' dam — Manifattura ta' ġelatina teknika	— Kolla tal-ġlud	
Biċċiet tal-laħam	— Manifattura ta' idroliżati tal-proteini — Xaħam ta' dam	— Kolla tal-ġlud	— Produzzjoni ta' fjuwil ta' sostituzzjoni — Irkupru ta' enerġija

Skart	Użu mill-ġdid wara l-preparazzjoni	Riċiklaġġ bħala	Irkupru ieħor
Ċraret tal-ġlud mhux ikkonzati	— Manifattura ta' ġelatina teknika — Manifattura ta' idroliżati tal-proteini	— Kolla tal-ġlud	— Irkupru ta' enerġija
Fdalijiet tal-ġlud u bċejjeċ ikkonzati	— Produzzjoni ta' fibreboard tal-ġilda minn bċejjeċ tal-ġlud mhux lesti — Manifattura ta' idroliżati tal-proteini		— Irkupru ta' enerġija
Fdalijiet tal-ġlud ikkonzati	— Produzzjoni ta' fibreboard tal-ġilda — Manifattura ta' idroliżati tal-proteini		— Irkupru ta' enerġija
Hama mit- trattament fiżikokimiku			— Irkupru ta' enerġija

23. Sabiex jitnaqqas il-konsum kimiku u jitnaqqas l-ammont ta' skart tal-ġilda, li jkun fih aġenti tal-ikkonzar ibbażati fuq il-kromju, mibgħut għar-rimi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-użu ta' tiċrit fl-alkali.

Deskrizzjoni

L-operazzjoni tat-tiċrit titwettaq fi stadju iktar bikri tal-ipproċessar, sabiex il-prodott sekondarju li jirriżulta ma jkunx ikkonzat.

Applikabbiltà

Tapplika biss għal impjanti li jużaw l-ikkonzar bil-kromju.

Mhux applikabbli:

- meta l-ġlud ikunu qed jiġu pproċessati għal prodotti ta' sustanza sħiħa (jiġifieri mhux imċarrta);
- meta trid tiġi prodotta ġilda iktar riġida (eż. ġilda taż-żraben);
- meta tkun meħtieġa ħxuna iktar uniformi fil-prodott finali;
- meta ċraret ikkonzati jiġu prodotti bħala prodott jew koprodott.

24. Sabiex jitnaqqas l-ammont ta' kromju fil-ħama mibgħuta għar-rimi, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-użu ta' waħda mit-tekniki mogħtija hawn taħt jew kombinazzjoni tagħhom.

Teknika	Deskrizzjoni	Applikabbiltà
a Irkupru tal-kromju għall-użu mill-ġdid fil-konzerija	Taħlil mill-ġdid tal-kromju preċipitat mill-float tal-ikkonzar, bl-użu tal-aċidu sulfuriku għall-użu bħala sostitut parzjali għal imlieh friski tal-kromju.	L-applikabbiltà hija ristretta mill-ħtieġa li l-proprietajiet tal-ġilda jkunu b'tali mod li jissodisfaw l-ispeċifikazzjoni tal-klijenti, b'mod partikolari b'rabta mal-għoti taż-żebgħa (solidità tal-kuluri mnaqqa u kuluri inqas qawwija) u mal-produzzjoni ta' ċpar.
b Irkupru tal-kromju għall-użu mill-ġdid f'industrija oħra	Użu tal-ħama tal-kromju bħala materja prima minn industrija oħra.	Tapplika biss meta jista' jinstab utent industrijali għall-iskart irkuprat.

25. Sabiex jiġu minimizzati r-rekwiżiti enerġetiċi, kimiċi u ta' manipolazzjoni tal-ħama għat-trattament sussegwenti tagħha, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi t-tnaqqis tal-kontenut tal-ilma tal-ħama bl-użu ta' tneħħija tal-ilma mill-ħama.

Applikabbiltà

Applikabbli għall-impjanti kollha li jwettqu proċessar fl-umdu.

1.8. *Enerġija*

26. Sabiex titnaqqas l-enerġija kkonsumata fit-tnixxif, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-ottimizzazzjoni tal-preparazzjoni għat-tnixxif permezz tas-samming jew ta' kwalunkwe metodu mekkaniku tat-tneħħija tal-ilma.

27. Sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija għall-proċessi fl-umdu, l-aqwa teknika disponibbli tinvolvi l-użu ta' short floats.

Deskrizzjoni

It-tnaqqis tal-enerġija użata biex jissaħħan l-ilma billi jitnaqqas l-użu tal-misħun.

Applikabbiltà

It-teknika ma tistax tiġi applikata fil-proċess tal-għoti taż-żebgħa u għall-ipproċessar tal-ġlud tal-għoġġiela.

L-applikabbiltà hija limitata wkoll għal:

- reċipjenti tal-ipproċessar ġodda
- reċipjenti eżistenti tal-ipproċessar li jippermettu l-użu ta', jew jistgħu jiġu mmodifikati biex jużaw, short floats.

Rati ta' konsum tal-enerġija assoċjati mal-BAT

Ara t-Tabella 6.

Tabella 6

Konsum tal-enerġija speċifiku assoċjat mal-BAT

Stadji tal-attività	Konsum tal-enerġija speċifiku għal kull unità ta' materja prima ⁽¹⁾
	GJ/t
L-ipproċessar tal-ġlud bovini mill-istadju fejn ma jkunux ipproċessati għall-istadju fejn ikunu imxarrbin blu jew imxarrbin bojod	< 3
L-ipproċessar ta' ġlud bovini minn stadju fejn ma jkunux ipproċessati għal dak fejn ikunu ġilda lesta	< 14
L-ipproċessar ta' ġlud tan-nagħaġ minn stadju fejn ma jkunux ipproċessati għal dak fejn ikunu ġilda lesta	< 6

(¹) Il-valuri tal-konsum tal-enerġija (espressi bħala medja annwali mhux korretta għall-enerġija primarja) ikopru l-użu tal-enerġija fil-proċess tal-produzzjoni inkluż l-elettriku u t-tisħin totali għall-isparzi fuq ġewwa, iżda eskluż l-użu tal-enerġija għat-trattament tal-ilma mormi.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Frar 2013

dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali

(notifikata bid-dokument numru C(2013) 670)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/85/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali⁽²⁾, jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan li possibbilment jiġu inklużi fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE.
- (2) Għal għadd ta' taħlitiet ta' tipi ta' sustanzi/prodotti inklużi f'dik il-lista, jew il-parteċipanti kollha waqfqu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm ta' analiżi, jew ma wasal l-ebda dossier komplut fil-perjodu taż-żmien speċifikat fl-Artikoli 9 u 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 mill-Istat Membru maħtur bħala Rapporteur għall-evalwazzjoni.
- (3) Konsegwentement, u skont l-Artikoli 11(2), 12(1) u 13(5) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri skont dan. Tali t-tagħrif ġie ppubblikat ukoll b'mezzi elettroniċi.
- (4) Fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur minn dawk il-pubblikazzjonijiet, għadd ta' kumpaniji wrew interess li jassumu r-rwol ta' parteċipant għal uħud mis-sustanzi u t-tipi ta' prodotti kkonċernati. Madankollu, dawk il-kumpaniji sussegwentement naqsu milli jissottomettu dossier komplut.

(5) Skont l-Artikoli 12(4) u 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, is-sustanzi u t-tipi ta' prodotti kkonċernati ma għandhomx għalhekk jiġu inklużi fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE.

(6) Fl-interess taċ-ċertezza legali, huwa xieraq li tiġi speċifikata d-data li warajha l-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni li fihom sustanzi attivi elenkati f'dak l-Anness ma għandhomx jibqgħu jitqiegħdu fis-suq.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanzi indikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu inklużi għat-tipi ta' prodotti kkonċernati fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni li fihom is-sustanzi attivi elenkati f'dak l-Anness ma għandhomx jibqgħu jitqiegħdu fis-suq b'effett mill-1 ta' Frar 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

(²) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

ANNEX

Sustanzi u tipi ta' prodotti li ma għandhomx jġu inklużi fl-Annessi I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE

Isem	Numru tal-KE	Numru tal-CAS	Tip ta' Prodott	Stat Membru Rapporteur
Glutaral	203-856-5	111-30-8	5	FI
4-(2-nitrobutil)morfolina	218-748-3	2224-44-4	6	UK
4-(2-nitrobutil)morfolina	218-748-3	2224-44-4	13	UK
diklorur tal-N,N'-(dekan-1,10-diildi-1 (4H)-piridil-4-iliden)bis(ottilammonju)	274-861-8	70775-75-6	1	HU
Aċidu saliċiliku	200-712-3	69-72-7	1	NL

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippublikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

